



**Euro-Latin American Parliamentary Assembly
Assemblée Parlementaire Euro-Latino Américaine
Asamblea Parlamentaria Euro-Latinoamericana
Assembleia Parlamentar Euro-Latino-Americana
Assemblea Parlamentari bejn l-Ewropa u l-Amerika Latina**



Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi, Finanzjarji u Kummerċjali

AP100.648v01-00

19.3.2010

EMENDI 1 - 64

**Abbozz ta' mozzjoni għal rizzoluzzjoni
Bernadette Vergnaud, korapporteur tal-PE
Fausto Lupera, korapporteur tal-AL
(AP100.538v02-00)**

Riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

AM_Com_NonLegRE

Emenda 1
Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jagħti l-aktar importanza lis-salvagwardja ta' x'inkiseb s'issa ***mis-sistema*** tal-kummerċ multilaterali;

Emenda

1. Jagħti l-aktar importanza lis-salvagwardja ta' x'inkiseb s'issa ***minn sistema*** tal-kummerċ multilaterali ***bl-għan li jiġu adottati regoli ta' kummerċ li jistgħu jipprevienu kriżijiet finanzjarji, jipromwovu s-sovranià tal-ikel, jeliminaw il-faqar u jiksbu l-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju, u jipprevienu l-bidla fil-klima;***

Or. fr

Emenda 2
Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. ***Jagħti l-aktar importanza lis-salvagwardja ta' x'inkiseb s'issa mis-sistema tal-kummerċ multilaterali;***

Emenda

1. ***Jappoġġja waqfa fid-direzzjoni li qed tieħu attwalment id-WTO bil-għan ta' politika dwar l-iżvilupp reali u relazzjonijiet tal-kummerċ li jkunu konsistenti ma' dak l-objettiv, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni t-tħassib tal-parti l-kbira taċ-ċittadini fil-pajjiżi tal-UE u tal-Amerika Latina fir-rigward tal-qgħad, ir-rilokazzjonijiet, it-tnaqqis tad-drittijiet soċjali u aspetti oħra; huwa tal-opinjoni li għandha tingħata prijorià lis-sovranià u s-sikurezza tal-ikel u jopponi l-insistenza dwar il-liberalizzazzjoni ta' servizzi fil-livell dinji, u huwa tal-opinjoni li s-servizzi pubbliċi għandhom jiġu esklużi***

minn kwalunkwe ftehimiet dwar il-kummerċ, partikolarment is-saħħa, l-edukazzjoni, il-kultura (inkluż is-settur awdjoviżiv) u l-ambjent (inkluża l-ġestjoni tal-ilma);

Or. pt

Emenda 3
Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jirrikonoxxi li r-relazzjonijiet reġjonali u bilaterali taħt il-gwida tad-WTO jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ġusti ta' kummerċ globali;

Or. en

Emenda 4
Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Huwa tal-opinjoni li l-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ internazzjonali rriżultat f'attakk fuq il-kisbiet tal-ħaddiema u s-sovranità tal-popli, l-appropriazzjoni ta' riżorsi naturali u l-bijodiversità minn multinazzjonali kbar, il-qerda tal-ambjent, iż-żieda fil-qgħad, irrovina ta' miljuni ta' bdiewa żgħar u theddidiet lis-sovranità u s-sikurezza tal-ikel;

Emenda 5
Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Jappoġġja l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ekonomiċi aktar retti u ġusti li jaqdu lill-poplu u lill-pajjiżi, li jappoġġjaw żvilupp u koperazzjoni bbażati fuq l-ugwaljanza bejn l-istati u l-bini ta' alleanzi u ftehimiet ma' pajjiżi fil-kontinenti kollha sabiex jiġu miġġielda l-inġustizzji qawwija u l-inugwaljanzi soċjali, il-ġuħ, il-mard u l-faqar;

Emenda 6
Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1c. Jenfasizza l-ħtieġa li l-pajjiżi jagħtu prijorità lill-iżvilupp tal-produzzjoni u tas-suq tagħhom, billi jwettqu kontrolli fuq oġġetti importati, jimponu kriterji ta' kwalità minima u dawk tekniċi u jiġġieldu d-dumping; jappoġġja strateġija għar-regolazzjoni effettiva tas-swieq kapitali, li tippenalizza r-rilokazzjoni tal-impriżi, tintaxxa t-tranżazzjonijiet finanzjarji u tneħħi r-rifuġji fiskali;

Emenda 7
Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iqis li d-WTO hija l-korp ideali biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-
tkabbir ekonomiku;

Emenda

2. Iqis li d-WTO hija l-korp ideali biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-
tkabbir ekonomiku; ***jemmen li d-WTO jeħtieġ li tindirizza b'aktar effettività r-rabtiet bejn il-kummerċ u l-isfidi globali ġodda bħas-sikurezza tal-ikel, il-bidla fil-klima u x-xogħol diċenti;***

Or. fr

Emenda 8
Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iqis li d-WTO hija l-korp ideali biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-
tkabbir ekonomiku;

Emenda

2. Iqis li d-WTO hija l-korp ideali biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-
tkabbir ekonomiku, ***jekk tfittex li tilħaq l-għan bażiku tal-promozzjoni ta' kummerċ ġust;***

Or. es

Emenda 9

Laima Liucija Andrikiene, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iqis li d-WTO hija l-korp **ideali** biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-kabbir ekonomiku;

Emenda

2. Iqis li d-WTO hija l-korp **prinċipali** biex tippromwovi s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u tista' tkun kemm element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' taqlib kif ukoll katalista għat-kabbir ekonomiku;

Or. en

Emenda 10

Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Iqis li **d-WTO** hija l-korp **ideali** biex **tippromwovi** s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u **tista' tkun kemm** element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' **taqlib kif ukoll katalista għat-kabbir ekonomiku**;

Emenda

2. Iqis li **r-regoli tad-WTO għandhom jiġu aġġornati** biex **jippromwovu** s-sigurtà, it-trasparenza u l-istabilità fil-kummerċ dinji u, **jekk dan isir, jista' jkun** element ekonomiku stabbilizzanti fi żminijiet ta' **kriżi**;

Or. fr

Emenda 11

Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jappella lill-komunità internazzjonali biex tkompli l-ħidma li nbdiet fir-Rawnd ta' Doha tal-2001 u jenfasizza l-impenn

Emenda

3. Jappella lill-komunità internazzjonali biex tkompli l-ħidma li nbdiet fir-Rawnd ta' Doha tal-2001 u jenfasizza l-impenn

serju tiegħu fil-kontribut għas-suċċess tar-Rawnd ta' Doha;

serju tiegħu fil-kontribut għas-suċċess tar-Rawnd ta' Doha, *partikolarment fl-interess tal-iżvilupp;*

Or. fr

Emenda 12
Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jappella lill-komunità internazzjonali biex tkompli l-ħidma li nbdiet fir-Rawnd ta' Doha tal-2001 u jenfasizza l-impenn serju tiegħu li fil-kontribut għas-suċċess tar-Rawnd ta' Doha;

Emenda

3. Jappella lill-komunità internazzjonali biex tkompli l-ħidma li nbdiet fir-Rawnd ta' Doha tal-2001 u jenfasizza l-impenn serju tiegħu fil-kontribut għas-suċċess tar-Rawnd ta' Doha, *li l-oġettivi tiegħu huma intiżi sabiex iwasslu għal kummerċ dinji aktar ġust;*

Or. es

Emenda 13
Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jappella lill-komunità internazzjonali *biex tkompli l-ħidma li nbdiet* fir-Rawnd ta' Doha *tal-2001 u jenfasizza l-impenn serju tiegħu li fil-kontribut għas-suċċess tar-Rawnd ta' Doha;*

Emenda

3. Jappella lill-pajjiżi membri tad-WTO *biex jieħdu tagħlima mit-tmien snin ta' negozjati li ma wasslu għall-ebda suċċess* fir-Rawnd ta' Doha *u jirrikonoxxu li r-Rawnd ta' Doha m'għadx għandu l-potenzjal li jippromwovi żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi fejn hemm l-aktar bżonn;*

Or. fr

Emenda 14

Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Laima Liucija Andrikiene, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 3 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Jenfasizza l-imbottatura mingħajr preċedent li l-kriżi ekonomika tat lin-negozjati internazzjonali għar-riforma tas-sistema finanzjarja internazzjonali; jenfasizza li l-momentum li ntlaħaq jista' jerġa' jqajjem interess fin-negozjati dwar il-kummerċ internazzjonali, bl-għan li jiġi konkluż b'suċċess u immedjatament ir-Rawnd ta' Doha, u jagħti spinta lir-riformi istituzzjonali tad-WTO;

Or. en

Emenda 15

Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 4

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Huwa tal-opinjoni li WTO b'saħħitha b'sistema ta' kummerċ internazzjonali bbażata fuq ir-regoli toffri opportunitajiet biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeliminaw il-faqar; jiddispjaċih li r-riżorsi limitati jpoġġu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fi żvantaġġ waqt in-negozjati;

4. Huwa tal-opinjoni li WTO b'saħħitha b'sistema ta' kummerċ internazzjonali bbażata fuq ir-regoli ***li għaddiet minn bidliet kbar u li hija soġġetta għal standards approvati mill-Konvenzjonijiet tan-NU***, toffri opportunitajiet biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeliminaw il-faqar; jiddispjaċih li r-riżorsi limitati jpoġġu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fi żvantaġġ waqt in-negozjati;

Or. fr

Emenda 16
Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Huwa tal-opinjoni li WTO b'saħħitha b'sistema ta' kummerç internazzjonali bbażata fuq ir-regoli toffri opportunitajiet biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeliminaw il-faqar; jiddispjaçih li r-riżorsi limitati jpoġġu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fi żvantaġġ waqt in-negożjati;

Emenda

4. Huwa tal-opinjoni li WTO b'saħħitha b'sistema ta' kummerç internazzjonali bbażata fuq ir-regoli toffri opportunitajiet biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeliminaw il-faqar; jiddispjaçih li r-riżorsi limitati jpoġġu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fi żvantaġġ waqt in-negożjati ***u għalhekk jemmen li jeħtieġ li tiġi mfassla sistema li tpatti għal tali limitazzjonijiet,***

Or. es

Emenda 17
Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Laima Liucija Andrikiene, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

4a. Jenfasizza li fiż-żmien ta' wara l-kriżi d-WTO jista' jkollha rwol ewlieni biex tinkoraġġixxi t-tkabbir ekonomiku dinji; iqis li r-riforma tad-WTO għandha ssaħħaħ is-sostenibilità ta' dan it-tkabbir, partikolarment billi tiffissa standards ambjentali u soċjali għall-membri tad-WTO u billi tiffissa miżuri kompatibbli mad-WTO biex tindirizza d-dumping ambjentali u soċjali;

Or. en

Emenda 18

Laima Liucija Andrikiene, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma possibbli ta' din l-organizzazzjoni;

Emenda

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament, ***il-frankezza, it-transparenza*** u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma possibbli ta' din l-organizzazzjoni ***u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħha; kif ukoll biex jinbeda d-dibattitu dwar it-twessigħ tal-aġenda tad-WTO biex tinkludi oqsma ta' kwistjonijiet bħall-kummerċ u l-ambjent, il-kummerċ u l-kompetizzjoni, il-kummerċ u l-enerġija;***

Or. en

Emenda 19

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma possibbli ta' din l-organizzazzjoni;

Emenda

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma possibbli ta' din l-organizzazzjoni ***biex issir strument ġenwin ta' żvilupp għal kulħadd u mhux biss għall-gruppi privileġġjati;***

Or. es

Emenda 20

Catherine Greze, Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma **possibbli** ta' din l-organizzazzjoni;

Emenda

5. Iqis li issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li jitkompla d-dibattitu dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-mandat, il-funzjonament u l-futur tad-WTO bil-għan li jkun hemm riforma ta' din l-organizzazzjoni;

Or. fr

Emenda 21

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 6

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. **Jappella lill-Kummissjoni** Ewropea u lill-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u l-Karibew **biex** jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli, inizjattiva soda f'Ġinevra bl-għan li jerġa' jinfetaħ dan id-dibattitu;

Emenda

6. **Jirrakkomanda li l-Kummissjoni** Ewropea u lill-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u l-Karibew jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli, inizjattiva soda f'Ġinevra bl-għan li jerġa' jinfetaħ dan id-dibattitu;

Or. es

Emenda 22

Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 6

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u l-Karibew biex jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli, inizjattiva soda f'Ġinevra bil-

Emenda

6. Jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-pajjiżi kollha tal-Amerika Latina u l-Karibew biex jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli, inizjattiva soda f'Ġinevra bil-

għan li *jerġa' jinfetħ dan* id-dibattitu;

għan li *jkun hemm kunsens rigward il-miri u li jerġa' jinfetħ* id-dibattitu;

Or. en

Emenda 23

Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jappella għal fteħima ġenerali internazzjonali u globali li tikkontribwixxi kontenut, objettivi u modi ġodda ta' operazzjoni għal Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata integrata fl-istrutturi tan-NU:

- preċeduta minn dibattitu wiesa', li jippermetti intervent ġenwin mill-popli, il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet soċjali, - li tiggarrantixxi n-natura demokratika u trasparenza tan-negozjati u l-funzjonament ta' istituzzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, - li jkollha bħala l-għan tagħha l-bini ta' ordni internazzjonali ġdida, ġusta, ibbilanċjata u demokratika, ibbażata fuq koperazzjoni bejn il-popli u l-pajjiżi sovrani bi drittijiet ugwali, iggwidata mill-valuri ta' paċi, demokrazija, progress soċjali u ħbiberija bejn il-popli, u li tiċħad il-globalizzazzjoni mmexxija minn kumpaniji transnazzjonali, li tattakka d-drittijiet tal-poplu u l-bilanċi ambjentali;

Or. pt

Emenda 24

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. *Iqis li la huwa realistiku u lanqas mixtieq li wieħed jixħet dubju fuq il-prinċipju ta' kunsens fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-WTO, li jiggarantixxi ugwaljanza bejn il-membri kollha; huwa tal-fehma li, madankollu, diversi soluzzjonijiet jistgħu jiġu eżaminati biex jipproduċu riżultati kostruttivi f'ċerti mumentu kruċjali;*

Emenda

8. Huwa tal-fehma li diversi *arranġamenti jeħtieġ li jiġu eżaminati fid-WTO sabiex jipproduċu riżultati kostruttivi f'ċerti mumentu kruċjali u jippermettu li jinstabu soluzzjonijiet f'sitwazzjonijiet li l-kunsens jagħmilhom imprattikabbli;*

Or. es

Emenda 25

María Muñiz De Urquiza, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Iqis li la huwa realistiku u lanqas mixtieq li wieħed jixħet dubji fuq l-prinċipju ta' kunsens fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-WTO, li jiggarantixxi ugwaljanza bejn il-membri kollha; huwa tal-fehma li, madankollu, *diversi soluzzjonijiet jistgħu jiġu eżaminati biex jipproduċu riżultati kostruttivi f'ċerti mumentu kruċjali;*

Emenda

8. Iqis li la huwa realistiku u lanqas mixtieq li wieħed jixħet dubji fuq l-prinċipju ta' kunsens fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-WTO, li jiggarantixxi ugwaljanza bejn il-membri kollha; huwa tal-fehma li, madankollu, *permezz tal-Artikolu IX tal-Fteħima ta' Marrakesh, tkun tista' tiġi provduta wkoll il-possibilità ta' votazzjoni;*

Or. es

Emenda 26

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni prijoritarja lil parteċipazzjoni ugwali u effettiva mill-membri kollha, partikolarment mill-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC's), fi kwalunkwe riforma tas-sistema tal-kummerċ multilaterali;

Emenda

9. Jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni prijoritarja lil parteċipazzjoni ugwali u effettiva mill-membri kollha, partikolarment mill-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC's), fi kwalunkwe riforma tas-sistema tal-kummerċ multilaterali **sabiex is-sistema ssir strument ta' żvilupp verament universali;**

Or. es

Emenda 27

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Iqis li huwa essenzjali li tiżdied il-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'dan il-proċess u li tingħata għajnuna teknika, sabiex iħossu li huma rrappreżentati bis-sħiħ fil-proċess ta' negozjati u sabiex ikunu jistgħu jesprimu u jiddefendu l-interessi tal-kummerċ tagħhom stess, pereżempju bl-introduzzjoni ta' sistema ta' rappreżentazzjoni permezz ta' koalizzjoni;

Emenda

10. Iqis li huwa essenzjali li tiżdied il-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'dan il-proċess u li, **bl-għajnuna tal-pajjiżi żviluppati**, tingħata għajnuna teknika **u żvilupp teknoloġiku**, sabiex **il-pajjiżi li qed jiżviluppaw** iħossu li huma rrappreżentati bis-sħiħ fil-proċess ta' negozjati u sabiex ikunu jistgħu jesprimu u jiddefendu l-interessi tal-kummerċ tagħhom stess, pereżempju bl-introduzzjoni ta' sistema ta' rappreżentazzjoni permezz ta' koalizzjoni;

Or. es

Emenda 28

Catherine Greze, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jappella lil dawk li qed jipparteċipaw fid-dibattitu biex iqisu l-problemi marbutin mal-fatt li jsiru 'rawnds' ta' negozjati għal medda twila ta' żmien, li jinvolvu kull wieħed mill-153 membru tad-WTO f'diskussjonijiet dwar għadd wiesa' ta' suġġetti fuq bażi ta' 'impriża unika'; jirrikonoxxi l-merti storiċi ta' dan l-approċċ fl-istabbiliment u l-iżvilupp tas-sistema tal-kummerċ multilaterali **u li jippermetti l-liberalizzazzjoni progressiva tagħha** u impenji reċiproċi u li huma ta' benefiċċju b'mod reċiproku, iżda huwa tal-opinjoni li fil-futur jistgħu jintużaw formuli oħra li huma aktar flessibbli u effettivi;

Emenda

11. Jappella lil dawk li qed jipparteċipaw fid-dibattitu biex iqisu l-problemi marbutin mal-fatt li jsiru 'rawnds' ta' negozjati għal medda twila ta' żmien, li jinvolvu kull wieħed mill-153 membru tad-WTO f'diskussjonijiet dwar għadd wiesa' ta' suġġetti abbażi 'impriża unika'; jirrikonoxxi l-merti storiċi ta' dan l-approċċ fl-istabbiliment u l-iżvilupp tas-sistema tal-kummerċ multilaterali **u fil-konklużjoni ta'** impenji reċiproċi u li huma ta' benefiċċju b'mod reċiproku, iżda huwa tal-opinjoni li fil-futur jistgħu jintużaw formuli oħra li huma aktar flessibbli u effettivi;

Or. fr

Emenda 29

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jappella għal definizzjoni mill-ġdid tal-irwol u l-format tal-Konferenzi Ministerjali;

Emenda

12. Jappella għal definizzjoni mill-ġdid tal-irwol u l-format tal-Konferenzi Ministerjali, **sabiex ikunu jistgħu jsiru passi 'l quddiem li għalkemm iżgħar ikunu sinifikanti u jipprevienu li l-proċessi jieqfu għalkollox minħabba kwalunkwe nuqqas li jkun hemm avvanz lejn l-objettiv ewlieni;**

Or. es

Emenda 30
Laima Liucija Andrikiene, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jappella għal definizzjoni mill-ġdid tal-irwol u l-format tal-Konferenza Ministerjali;

Emenda

12. Jappella għal definizzjoni mill-ġdid tal-irwol u l-format tal-Konferenza Ministerjali ***kif ukoll għat-tkabbir tar-relevanza u rwol akbar tal-Kumitati tad-WTO bil-għan li jiġu ffaċilitati l-ħidmiet tal-Konferenzi Ministerjali;***

Or. en

Emenda 31
María Muñoz De Urquiza, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jissuġġerixxi li tista' tingħata xi ftit libertà lis-Segretarjat tad-WTO, li tippermetti li jieħu inizjattivi ta' interess istituzzjonali, jipproponi formuli ta' kompromess fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, u anke jippresiedi l-laqgħat ta' ċerti korpi, fl-interess tal-kontinwità u l-imparzjalità;

Emenda

13. Jissuġġerixxi li, ***mingħajr ma tiddgħajjef in-natura ta' din l-organizzazzjoni mmexxija mill-membri,*** tista' tingħata xi ftit libertà lis-Segretarjat tad-WTO, li tippermetti li jieħu inizjattivi ta' interess istituzzjonali, jipproponi formuli ta' kompromess fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, u anke jippresiedi l-laqgħat ta' ċerti korpi, fl-interess tal-kontinwità u l-imparzjalità;

Or. es

Emenda 32
Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jissuġġerixxi li tista' tingħata xi ftit libertà lis-Segretarjat tad-WTO, li tippermetti li jieħu inizjattivi ta' **interess** istituzzjonali, **jipproponi formuli ta' kompromess fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, u anke jippresiedi l-laqgħat ta' ċerti korpi,** fl-interess tal-kontinwità u l-imparzjalità;

Emenda

13. Jissuġġerixxi li tista' tingħata xi ftit libertà lis-Segretarjat tad-WTO, li tippermetti li jieħu inizjattivi ta' **karattru** istituzzjonali fl-interess tal-kontinwità u l-imparzjalità;

Or. en

Emenda 33

Catherine Greze, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jissuġġerixxi li tista' tingħata xi ftit libertà lis-Segretarjat tad-WTO, li tippermetti li jieħu inizjattivi ta' interess istituzzjonali, jipproponi formuli ta' kompromess fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, u anke jippresiedi l-laqgħat ta' ċerti korpi, fl-interess tal-kontinwità u l-imparzjalità;

Emenda

imħassar

Or. fr

Emenda 34

Laima Liucija Andrikiënè, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Iqis li huwa neċessarju li jissaħħu r-riżorsi finanzjarji u umani li huma disponibbli għas-segretarjat tad-WTO u jemmen li huwa importanti li s-Segretarjat

Emenda

14. Iqis li huwa neċessarju li jissaħħu r-riżorsi finanzjarji u umani li huma disponibbli għas-segretarjat tad-WTO u **li jissaħħaħ il-potenzjal analitiku tas-**

ikollu rappreżentazzjoni proporzjonata ta' uffiċjali minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw;

Segretarjat biex dan isir aktar effiċjenti fl-akkumulazzjoni, il-ħażna u l-analiżi ta' informazzjoni marbuta mal-kummerċ internazzjonali u jemmen li huwa importanti li s-Segretarjat ikollu rappreżentazzjoni proporzjonata ta' uffiċjali minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 35

Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 14

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Iqis li huwa neċessarju li jissaħħu r-riżorsi finanzjarji u umani li huma disponibbli għas-segretarjat tad-WTO u jemmen li huwa importanti li s-Segretarjat ikollu rappreżentazzjoni proporzjonata ta' uffiċjali minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw;

Emenda

14. Iqis li huwa neċessarju li jissaħħu r-riżorsi finanzjarji u umani li huma disponibbli għas-segretarjat tad-WTO u jemmen li huwa importanti li s-Segretarjat ikollu rappreżentazzjoni proporzjonata ta' uffiċjali minn pajjiżi żviluppati, ***ekonomiji emerġenti u pajjiżi*** li qed jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 36

Laima Liucija Andrikenė, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Iqis li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika dwar il-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; jilqa' l-progress ġenwin miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment

Emenda

15. Iqis li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika dwar il-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; jilqa' l-progress ġenwin miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment

tagħha fl-1995, u l-effettività tal-politika tal-komunikazzjoni tagħha;

tagħha fl-1995, u l-effettività tal-politika tal-komunikazzjoni tagħha; ***minkejja dan, isostni li hemm ħtieġa għal aktar miżuri mmirati għal aktar trasparenza;***

Or. en

Emenda 37

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. ***Iqis*** li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; jilqa' l-progress ġenwin miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment tiegħu fl-1995, u l-effettività tal-politika tal-komunikazzjoni tagħha;

Emenda

15. ***Huwa konvint*** li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; jilqa' l-progress ġenwin miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment tiegħu fl-1995, u l-effettività tal-politika tal-komunikazzjoni tagħha;

Or. es

Emenda 38

Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Iqis li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; ***jilqa'*** l-progress ***ġenwin*** miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment tagħha fl-1995, ***u l-effettività tal-politika tal-komunikazzjoni tagħha;***

Emenda

15. Iqis li t-trasparenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-kummerċ tirrappreżenta talba leġittima min-naħa tas-soċjetà, iċ-ċittadini u l-membri parlamentari; ***Iqis li*** l-progress miksub mid-WTO f'termini ta' trasparenza esterna sa mill-istabbiliment tagħha fl-1995 ***kien insuffiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' tilwim, in-***

negozjati ta' arranġamenti ġodda, u l-laqgħat ministerjali;

Or. fr

Emenda 39

Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Jerġa' jfakkar li l-membri parlamentari, bħala rappreżentanti taċ-ċittadini eletti, għandhom rwol importanti x'jilagħbu fin-negozjati dwar il-kummerċ u, partikolarment, **fin**-negozjati tad-WTO; isostni l-ħtieġa li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO b'setgħat konsultattivi;

Emenda

16. Jerġa' jfakkar li l-membri parlamentari, bħala rappreżentanti taċ-ċittadini eletti, għandhom rwol importanti x'jilagħbu fin-negozjati dwar il-kummerċ u, partikolarment, **fid-definizzjoni tal-mandat tan**-negozjati tad-WTO; isostni l-ħtieġa li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO b'setgħat konsultattivi;

Or. en

Emenda 40

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Jerġa' jfakkar li l-membri parlamentari, bħala rappreżentanti taċ-ċittadini eletti, għandhom rwol importanti x'jilagħbu fin-negozjati dwar il-kummerċ u, partikolarment, fin-negozjati tad-WTO; isostni l-ħtieġa li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO b'setgħat konsultattivi;

Emenda

16. Jerġa' jfakkar li l-membri parlamentari, bħala rappreżentanti taċ-ċittadini li eletti, għandhom rwol importanti x'jilagħbu fin-negozjati dwar il-kummerċ u, partikolarment, fin-negozjati tad-WTO; isostni l-ħtieġa li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO b'setgħat konsultattivi, **bil-fehim li l-prattikalitajiet ta' rappreżentazzjoni nazzjonali u reġjonali jkunu jridu jiġu determinati;**

Or. es

Emenda 41

Jorge Ocejo Moreno, AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Jerġa' jfakkar li l-membri parlamentari, bħala rappreżentanti taċ-ċittadini eletti, għandhom rwol importanti x'jilagħbu fin-negożjati dwar il-kummerċ u, partikolarment, fin-negożjati tad-WTO; isostni l-ħtieġa li tinħoloq assemblea parlamentari tad-WTO b'setgħat konsultattivi;

Emenda

16. *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. es

Emenda 42

Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol li sar mill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, billi **1)** jeżaminaw bir-reqqa l-attivitajiet tad-WTO u jgħinu biex jagħmluhom aktar effettivi u ġusti, **2)** jippromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO u jtejbu fil-proċess ta' diskussjoni bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili u **3)** jiżviluppaw kompetenza fuq il-kummerċ internazzjonali fil-parlamenti nazzjonali u jinfluwenzaw l-andament tad-diskussjonijiet fid-WTO; jitolb lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-membri parlamentari

Emenda

17. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol li sar mill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, billi jeżaminaw bir-reqqa l-attivitajiet tad-WTO u jgħinu biex jagħmluhom aktar effettivi u ġusti, jippromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO u titjib fil-proċess ta' diskussjoni bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili u jiżviluppaw kompetenza fuq il-kummerċ internazzjonali fil-parlamenti nazzjonali u jinfluwenzaw l-andament tad-diskussjonijiet fid-WTO; jitolb lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-membri parlamentari tagħhom fl-iżvilupp ta' dimensjoni

tagħhom fl-iżvilupp ta' dimensjoni parlamentari għad-WTO;

parlamentari għad-WTO; ***jappella lill-membri tal-Kungress tal-Istati Uniti biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dan il-korp;***

Or. fr

Emenda 43

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol li sar mill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, billi 1)jeżaminaw bir-reqqa l-attivitajiet tad-WTO u jgħinu biex jagħmluhom aktar effettivi u ġusti, 2)jippromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO u jtejbu l-proċess ta' diskussjoni bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili u 3)jiżviluppaw kompetenza fuq il-kummerċ internazzjonali fil-parlamenti nazzjonali u jinfluwenzaw l-andament tad-diskussjonijiet fid-WTO; jitolb lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-membri parlamentari tagħhom fl-iżvilupp ta' dimensjoni parlamentari għad-WTO;

Emenda

17. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol li sar mill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, billi 1)jeżaminaw bir-reqqa l-attivitajiet tad-WTO u jgħinu biex jagħmluhom aktar effettivi u ġusti, 2)jippromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO u jtejbu l-proċess ta' diskussjoni bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili u 3)jiżviluppaw kompetenza fuq il-kummerċ internazzjonali fil-parlamenti nazzjonali u jinfluwenzaw l-andament tad-diskussjonijiet fid-WTO; jitolb lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-membri parlamentari tagħhom fl-iżvilupp ta' dimensjoni parlamentari għad-WTO, ***li tpoġġi lill-organizazzjoni fuq livell demoraticu leġittimu;***

Or. es

Emenda 44

Jorge Ocejo Moreno, AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol li sar mill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, billi 1) jeżaminaw bir-reqqa l-attivitajiet tad-WTO u jgħinu biex jagħmluhom aktar effettivi u ġusti, 2) jipromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO u jtejbu l-proċess ta' diskussjoni bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili u 3) jiżviluppaw kompetenza fuq il-kummerċ internazzjonali fil-parlamenti nazzjonali u jinfluwenzaw l-andament tad-diskussjonijiet fid-WTO; jitolb lill-membri tad-WTO sabiex jipprovdu appoġġ suffiċjenti lill-membri parlamentari tagħhom fl-iżvilupp ta' dimensjoni parlamentari għad-WTO;

Emenda

17. *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. es

Emenda 45

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-*Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ* u korpi oħra tan-NU;

Emenda

18. Huwa tal-fehma li, ***biex ikun hemm kummerċ ġust***, hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-*Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol* u korpi oħra tan-NU;

Or. es

Emenda 46
Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u korpi oħra tan-NU;

Emenda

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn **il-politiki**, l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-*Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol*, **il-UNCTAD u l-FAO** u korpi oħra tan-NU;

Or. fr

Emenda 47
Laima Liucija Andriekienė, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, **l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ** u korpi oħra tan-NU;

Emenda

18. Huwa tal-fehma li hemm **ħtieġa** ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u dawk meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, **l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol** u korpi oħra tan-NU;

Or. en

Emenda 48
Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u daww meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u korpi oħra tan-NU;

Emenda

18. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' aktar konsistenza bejn l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet adottati mid-WTO u daww meħudin minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ***bħall-UNDP, il-FAO, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol u korpi oħra tan-NU, u mal-konvenzjonijiet multilaterali dwar l-ambjent;***

Or. fr

Emenda 49

Bernadette Vergnaud, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. Jitlob lid-WTO biex tippromwovi l-inklużjoni ta' standards soċjali u ambjentali vinkolanti fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles; jikkunisdra li kapitolu ambizzjuż dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiffirma parti integrali minn kwalunkwe ftehim, u jfakkar li l-objettiv ewlieni huwa li jiġi żgurat li dawn l-istandards jiġu ġenwinament implimentati; jitlob lid-WTO sabiex tippromwovi u tapprova l-prinċipji ta' gwida tal-OECD dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva;

Or. fr

Emenda 50
Bernadette Vergnaud, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18b. jirrakkomanda li:

- jitwaqqaf Kumitat għall-Kummerç u x-Xogħol Diçenti fid-WTO, imfassal fuq il-Kumitat għall-Kummerç u l-Ambjent, biex jippromwovi l-koordinazzjoni bejn ir-regoli tal-kummerç u l-promozzjoni tax-xogħol u tad-drittijiet soċjali fundamentali

- l-ILO tingħata stejtus ta' osservatur fid-WTO

- is-supremazija tad-deċiżjonijiet tal-ILO tkun rikonoxxuta, filwaqt li jiġi żgurat li l-istandards fundamentali stabbiliti mill-ILO huma applikati fil-prattika;

Or. fr

Emenda 51
Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. Jikkunsidra bħala urġenti li ssir riforma tal-ftehimiet dwar il-proprjetà intellettwali, li tippermetti u tiffaċilita l-aċċess għall-mediċini tal-pajjiżi li huma anqas żviluppati biex jikkumbattu epidemiji bħall-HIV, it-tuberkolożi, il-malarja u oħrajn, filwaqt li tappoġġja l-proposta mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiġi pprojbita l-possibilità ta' protezzjoni fuq il-ħajja u l-protezzjoni tal-bijodiversità, u jinżamm il-prinċipju ta' prekawzjoni, b'mod partikolari fir-

Emenda 52

María Muñiz De Urquiza, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għar-riżoluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, iżda li hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti u l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet;

Emenda

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, iżda li hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti u l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet, ***minħabba li dawn huma r-regola ġenerali;***

Emenda 53

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għar-riżoluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, iżda li hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti u l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet;

Emenda

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għar-riżoluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, iżda li hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti, ***li jirriżulta fi spejjeż għoljin kif ukoll jaffettwa*** l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet;

Emenda 54
Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għar-riżoluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali ***u b'mod sodisfaċenti*** l-irwol tiegħu, iżda li hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti u l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet;

Emenda

19. Huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu tad-WTO għar-riżoluzzjoni tat-tilwim s'issa qeda b'mod ġenerali l-irwol tiegħu, ***iżda jiddispaċih li l-ħatra tal-imħallfin fis-sistema ta' riżoluzzjoni tat-tilwim hija nieqsa minn kwalunkwe kriterju li hu marbut mal-aspetti soċjali u ambjentali, u għalhekk dan iqajjem dubju dwar ir-responsabilità soċjali u ambjentali tal-ġudizzji tagħhom; jikkunsidra għalhekk li*** għad hemm bżonn ta' ċerti aġġustamenti, inklużi dawk fir-rigward tat-tul tal-proċeduri involuti u l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet;

Or. fr

Emenda 55
Edvard Kožušník, f'isem il-Grupp tal-ECR, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. Isostni li, skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, il-laqgħat sostantivi mal-partijiet, mal-gruppi speċjali u mal-Korp tal-Appell fil-futur għandhom isiru fil-pubbliku bħalma jiġri normalment fis-smiġh tal-qorti, u li d-dokumenti kkonċernati għandhom jiġi magħmula disponibbli għall-pubbliku, minbarra f'każijiet rari u ġustifikati kif suppost;

Emenda

20. Isostni li, skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, il-laqgħat sostantivi mal-partijiet, mal-gruppi speċjali u mal-Korp tal-Appell fil-futur għandhom isiru fil-pubbliku ***jekk ikun hemm kunsens unanimu*** bħalma jiġri normalment fis-smiġh tal-qorti, u li d-dokumenti kkonċernati għandhom jiġi magħmula disponibbli għall-pubbliku, minbarra f'każijiet rari u ġustifikati kif suppost;

Emenda 56
Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. Isostni li, skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, il-laqgħat sostantivi mal-partijiet, mal-gruppi speċjali u mal-Korp tal-Appell fil-futur għandhom isiru fil-pubbliku bħalma jiġri normalment fis-smiġħ tal-qorti, u li d-dokumenti kkonċernati għandhom jiġi magħmula disponibbli għall-pubbliku, minbarra f'każijiet *rari u* ġustifikati kif suppost;

Emenda

20. Isostni li, skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, laqgħat sostantivi mal-partijiet, mal-gruppi speċjali u mal-Korp tal-Appell fil-futur għandhom isiru fil-pubbliku bħalma jiġri normalment fis-smiġħ tal-qorti, u li d-dokumenti kkonċernati għandhom jiġi magħmula disponibbli għall-pubbliku, minbarra f'każijiet *eċċezzjonali* u ġustifikati kif suppost;

Emenda 57
Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi *l-pajjiżi l-anqas avvanzati ekonomikament isofru l-aktar jekk* it-taħdidiet tar-Rawnd ta' Doha *ma jkomplux għaddejjin strettament kif pjanat,*

Emenda

B. billi *matul l-aħħar ħames snin l-oġettiv ta' żvilupp, għalkemm kien preżenti fil-bidu tat-taħdidiet tar-Rawnd ta' Doha gradwalment tilef l-importanza tiegħu fl-aġenda tan-negozjati, b'konsegwenzi partikolarment ħżiena għal pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs); billi l-istudji li saru minn organizzazzjonijiet bħall-UNCTAD, il-Bank Dinji, l-Istitut Barrani għall-Iżvilupp u l-Carnegie Endowment, kollha jaqblu li l-impatt fuq it-tkabbir tal-PGD ta' kwalunkwe konklużjoni tar-Rawnd ta' Doha ikun inisinifikanti għal pajjiżi li qed*

jiżviluppaw, ikun bejn wieħed u ieħor inqas minn 0.5% f'ħafna LDCs u negattiv f'uħud minnhom, u jibbenefikaw minnu pajjiżi emerġenti bħaċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja biss,

Or. fr

Emenda 58

María Muñiz De Urquiza, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa C

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi, lil hinn mill-preokkupazzjonijiet immedjati dwar il-konklużjoni tar-Rawnd, jeħtieġ li issa jibdew it-tħejjijiet għall-perjodu ta' wara Doha,

Emenda

C. billi, mingħajr ma tiġi injorata l-hteġa li r-Rawnd jiġi konkluż bħala kwistjoni ta' prijorità, ikun rakkomandat li wieħed jaħseb dwar il-perjodu ta' wara Doha,

Or. es

Emenda 59

Ilda Figueiredo, Jürgen Klute, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa C a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi kien hemm rispons tajjeb għal aktar diskussjoni dwar ir-riforma mill-Kummissjoni tal-Esperti dwar ir-Riforma tal-Kumitat Monetarju u Finanzjarju, li huwa ppresedut minn Joseph Stiglitz;

Or. en

Emenda 60

Laima Liucija Andriekienė, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa E

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi *issa hija kwistjoni ta' urġenza* li jerġa jinfetaħ dan id-dibattitu u li jiġu *riveduti b'mod fundamentali* diversi aspetti tal-funzjonament tad-WTO bil-għan li jiżdedu kemm l-effettività u l-leġittimità tagħha,

Emenda

E. billi *wasal iż-żmien* li jerġa jinfetaħ dan id-dibattitu u li *jkun hemm reviżjoni fil-fond ta'* diversi aspetti tal-funzjonament tad-WTO bil-għan li jiżdedu kemm l-effettività u l-leġittimità tagħha,

Or. en

Emenda 61

Catherine Greze, PE

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa G a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. Billi l-isfida ewlenija tal-aġenda kummerċjali multilaterali fis-seklu 21 hija li jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżijiet attwali tal-finanzi, is-soċjetà u l-klima u biex tiġi stabbilita sistema regolatorja sabiex tipprevieni żbilanċi u tiggarrantixxi l-applikazzjoni ta' standards soċjali u ambjentali fil-pajjiżi kollha u aċċess għal ikel tajjeb għas-saħħa, edukazzjoni u ġustizzja;

Or. fr

Emenda 62

Jacinto Suárez (Parlacen), AL

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa H (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

H. billi l-iżbilanċi bejn dawk il-membri tad-WTO li huma pajjiżi żviluppatti u dawk li m'hemmx bżonn jiġu indirizzati sabiex il-prinċipju ta' kummerċ ġust isir wieħed tanġibbli,

Or. es

Emenda 63

Maria Muñiz De Urquiza, Luis Yáñez-Barnuevo García, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7 a (ġdida)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra s-Sommarju tal-President fis-Seba' Konferenza Ministerjali f'Ġinevra (li saret mit-30 ta' Novembru sat-2 ta' Diċembru 2009),

Or. es

Emenda 64

Laima Liucija Andrikenė, PE

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9 (ġdida)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jagħti setgħat ġodda lill-Parlament Ewropew fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali inkluż id-dritt għal inizjattiva, kif ukoll jimmarka it-trasferiment tas-setgħa mill-parlamenti nazzjonali għall-Parlament Ewropew;

Or. en

